MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 441/2002/1

**John Fenech**

**v.**

**C & K Ciappara Poultry Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell interpost mis-socjeta` konvenuta ghall-fini tar-revoka tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru 2005, fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha gie ritenut u deciz hekk:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-17 ta' April, 2002, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta illi:

"L-attur huwa kreditur tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta’ tlettax-il elf u sitta u disghin lira u sebgha u erbghin centezmu (Lm13,096.47) prezz ta’ tigieg mibjugha u kkonsenjati minnu lis-socjeta` konvenuta.

*"Oltre* dan is-socjeta` konvenuta ghandha taghti lill-attur is-somma ta’ elfejn u mitejn lira (Lm2,200) prezz ta’ elfejn tigiega li kienet ordnat minghand l-attur *pero`* rrifjutat li tiehu l-kunsinna taghhom u *per konsegwenza* bdew imutu u kellhom jigu distrutti.

"Mill-imsemmija somma globali ta’ Lm15,296.47 dovuta lill-attur mis-socjeta` konvenuta trid titnaqqas is-somma ta’ Lm3,126.27 flus illi l-attur ghandu jaghti lis-socjeta` konvenuta u dan skond l-anness prospett Dokument A.

"Ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha taghti lill-attur is-somma ta’ Lm12,170.20.

"Interpellata sabiex thallas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

"Talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

"1. Tigi kkundanata thallas lill-attur is-somma ta’ tnax-il elf mija u sebghin lira u ghoxrin centezmu fuq imsemmija.

"Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-1 ta’ April, 2002 kontra s-socjeta` konvenuta illi minn issa ingunta *in subizzjoni*.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li *in forza* taghha eccepiet illi:

"It-talba attrici hija f’parti sostanzjali taghha infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza, u dana minhabba zewg fatturi principali, *cioe`*:

"(i) Il-fatt li s-socjeta` attrici, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza ma hijiex responsabbli ghall-hlas ta’ Lm2,200 rapprezentanti elfejn tigiega, kif qed isostni l-attur;

"(ii) Il-fatt li l-ammont likwidat u dovut mill-attur versu s-socjeta` attrici, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, jammonta ghal Lm5,216.27.

"Minbarra s-sueccepit, l-attur huwa wkoll responsabbli ghal ksur kontrattwali versu s-socjeta` konvenuta, meta arbitrarjament naqas li jikkonsenja lura lis-socjeta` konvenuta flieles li kien obbliga li joqtol ghandha u ghalhekk *ai termini* tal-Artikolu 4 tal-kuntratt bejn il-partijiet, hawn anness bhala Dok. *“CK1”*, huwa inkorra penali ta’ 0.49c ghal kull fellus li naqas li jikkonsenja;

"Minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll l-istess attur ordna 10,000 fellus ohra minghand is-socjeta` konvenuta, u arbitrarjament u abbuzivament naqas li jiehu konsenja ta' l-istess, b’konsegwenza li s-socjeta` konvenuta *in vista* ta’ dan l-agir sofriet danni, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

"Rat in-nota ta' l-attur tat-18 ta’ Ottubru, 2002, li *in forza* taghha l-attur irriduca t-talba tieghu ghal Lm10,630.20, u dana wara li nduna li hu kien debitur tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta’ Lm1,540;

"Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

"Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

"Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

"Ikkunsidrat:

"Il-partijiet f’din il-kawza huma t-tnejn involuti fit-trobbija u l-qtil ta’ tigieg ghall-konsum. L-attur ghandu *farm* li fih irabbi l-flieles, waqt li s-socjeta` konvenuta hija bicciera li toqtol u tipprocessa t-tigieg imsemmen. Bejn il-partijiet kien jigi ffirmat ftehim li *in forza* tieghu l-attur *“jixtri”* numru ta’ flieles minghand is-socjeta` konvenuta, u s-socjeta` konvenuta, *da parti* taghha, kienet tobbliga ruhha li *“tixtri”* t-tigieg imsemmen minghand l-attur. Il-meritu tal-kaz jikkoncerna ftehim iffirmat mill-partijiet u li originarjament kellu jirregola n-negozju ta’ bejniethom ghas-sena 2000; dan il-ftehim gie tacitament imgedded mill-partijiet ghas-snin ta’ wara. Skond dan il-ftehim, l-attur kellu *“jixtri”* l-flieles minghand is-socjeta` konvenuta bi prezz ta’ Lm22 kull mitt (100) fellus. Kemm il-fellus seta’ jixtri l-attur ma giex miftiehem, izda s-socjeta` konvenuta obbligat ruhha li tixtri lura minghand l-attur 7,000 *broiler* (tigieg imsemma), u dana bil-prezz ta’ 49c ghal-kull kilo. Kull trobbija, jigifieri bejn li l-bidwi jiehu l-flieles u jirritorna t-tigiega mkabbra, tiehu bejn wiehed u iehor ghaxar gimghat.

"Is-socjeta` konvenuta tenfasizza li t-trobbija tat-tigieg hi responsabilita` tal-bidwi, u dan peress li hu jkun xtara l-flieles u ha konsenja ta' l-istess. Ghalhekk, jekk xi fellus jimrad jew imut, ikun irid ibati t-telf il-bidwi. Ir-responsabilita` tas-socjeta` konvenuta hi li tixtri lura minghand il-bidwi sa l-ammont ta’ tigieg miftiehem, *cioe*`, f’dan il-kaz, sebat elef.

"Fis-sena 2001, waqt li allura kien ghadu fis-sehh il-ftehim iffirmat ghas-sena 2000, l-attur xtara 10,000 fellus minghand is-socjeta` konvenuta.

"L-attur ma jghidx ghaliex spicca li ha 10,000 fellus minghand is-socjeta` konvenuta, izda rapprezentant tas-socjeta` konvenuta Catherine Ciappara, spjegat li l-attur kien qallha li hu kien kabbar il-*warehouse* u ried, ghalhekk, jiehu ammont ta’ flieles aktar mis-soltu. Din ir-rapprezentant qaltlu li se tara kif se takkwistalu dak in-numru ta’ flieles, izda ghamlitielu cara li l-kumpanija kienet obbligata li tixtri lura sa 7,000 *broiler*.

"Il-kumpanija konvenuta, fil-fatt, ghaddietlu 3,000 fellus fl-10 ta' Dicembru, 2001, u 7,000 fellus iehor fl-20 ta' Dicembru, 2001. L-attur debitament ha konsenja ta' dawn l-10,000 fellus u beda jrabbihom fil-*farm* tieghu. Meta l-flieles issemmnu, hu beda jirritorna t-tigieg lis-socjeta` konvenuta, u fil-fatt irritorna u ghadda lis-socjeta` konvenuta 2,040 *broiler* fil-21 ta' Jannar, 2002, 900 *broiler* fit-22 ta' Jannar, 2002, 2,040 *broiler* ohra fil-5 ta' Frar, 2002, u 1,800 *broiler* fis-6 ta' Frar, 2002, ghal total ta' 6,780 *broiler*. Skond is-socjeta` konvenuta, dan in-numru jirrapprezenta l-ekwivalenti ta' 7,000 fellus, u dan ghax fil-prattika, fuq kull trobbija ta' flieles, dejjem ikun hemm telf (mewt jew mard) ta' madwar 5%.

"Wara dan, l-attur ried jghaddi lis-socjeta` konvenuta t-3,000 tigiega l-ohra li hu kien semmen, izda s-socjeta` konvenuta ma riditx tixtri din il-kwantita` ghax, skond hi, l-ftehim kien li hi tixtri sa 7,000 fellus u mhux aktar. L-attur insista li s-socjeta` konvenuta kellha obbligu li tixtri dawn it-tigieg, izda peress li din tal-ahhar assolutament ma riedetx tixtrihom, u peress li t-tigieg kienu waslu biex imutu, l-attur ipprova jbiegh it-tigieg imsemmen lil processuri ohra, izda irnexxielu jehles biss minn 1,000 tigiega li xtrahom certu Anthony Busuttil, maghruf bhala *"Tal-Gidi"*. L-elfejn tigiega l-ohra mietu, u peress li s-socjeta` konvenuta irrifjutat li tehodhom, l-attur qed jitlob minghanda d-danni f'ammont ta' Lm2,200, kwantu ghal 2000 tigiega b'rata ta' Lm1.10 ghal kull tigiega imsemma (l-attur jikkalkula li kull tigiega kienet tkun tizen ftit aktar minn 2 kilos il-wiehed).

"Il-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet tolqot din il-pretensjoni ta' Lm2,200, *oltre* differenza ohra li se tigi trattata 'l quddiem.

"Kif inghad is-socjeta` konvenuta qed tirrifjuta li thallas din is-somma ghax skond hi, kienet obbligata li tixtri biss 7,000 *broiler*, u t-3,000 fellus l-ohra l-attur hadhom *"ghax ried hu"* minghajr ebda *commitment da parti* taghha.

"Din il-Qorti wara li hasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni thoss li ma tistax taccetta l-argumentazzjoni tas-socjeta`

konvenuta. Hu veru li l-kuntratt jghid li din kienet sejra tixtri 7,000 *broiler* imsemmna, u li l-attur kien se jixtri l-flieles (minghajr numru indikat) bi prezz ta' Lm22 kull mitt fellus, *pero'*, jekk wiehed jaqra l-ftehim kollu (u kull klawsola fil-ftehim trid tinqara fil-kuntest tal-kuntratt intier), jinduna li l-ftehim kien li l-bidwi ghandu jirritorna lis-socjeta` konvenuta kull fellus li jixtri minghandha. Dan jirrizulta mill-fatt, per ezempju, li, ghal tul il-pendenza tal-ftehim, l-attur ma setax irabbi tigieg tas-simna ghal haddiehor, u *kwindi* l-attur kien projbit (u dan is-socjeta` konvenuta zgur li kienet tafu) milli jixtri flieles minghand is-socjeta` konvenuta u jrabbihom ghal terzi.

"Klawsola 4 tal-ftehim, jistipula wkoll li l-bidwi ghandu jirritorna <u>kull fellus</u> li jkun xtara minghand is-socjeta` konvenuta, b'mod li jkollu jhallas *"penali ta' 49c ghal kull fellus li ma jkunx gie imsemmen u mhux ikkonsenjat lill-kumpanija"*. Din il-klawsola tindika b'mod car li kull fellus li *"jixtri"* il-bidwi, irid jigi kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta, altrimenti l-bidwi jehel multa. Ghalhekk, la darba s-socjeta` konvenuta accettat li tbiegh 10,000 fellus lill-attur, hi trid tiehu lura dan in-numru, ghax jekk taccetta anqas tkun, b'ghemilha stess, tesponi lill-attur ghall-hlas tal-penali.

*"Inoltre,* mid-deposizzjoni ta' Catherine Ciappara, jirrizulta wkoll li l-ftehim ma kienx precizament kif qalet hi. Din ix-xhud qalet li l-kumpanija hadet konsenja ta' 6,780 tigiega u spjegat hekk fuq dan in-numru:

*""Dan it-total taghhom kif tghoddhom flimkien u tiehu l-percentagg ta' dawk li jmutu igibu ghas-sebat elef. Ahna niehdu dan il-percentagg ghax hija regola kwazi li ssir dejjem li jmutu xi ftit flieles waqt it-trobbija. Ghalhekk, meta tghodd dawn u tiehu l-percentagg tal-mejtin, ahna nqisu li hadna s-sebat'elef li konna obbligati li niehdu"*.

"Li kieku l-ftehim kien kif qalet din ix-xhud, hi ma tkunx tista' tirraguna b'dan il-mod, ghax l-pozizzjoni taghha kienet tkun li, jiehu kemm jiehu flieles il-bidwi, u jmutu kemm imutu minnhom, hi tkun trid tiehu lura minghandu 7,000. La darba fuq kull konsenja ta' flieles, hi qed tqis

percentagg tal-mejtin, qed tirrikonoxxi li kull konsenja trid tigi ritornata lura b’nuqqas ta’ dawk li jmutu sa certu percentagg. Hi qed tghid, fi kliem iehor, li fuq konsenja ta’ 7,000 fellus, li tiehu lura 6,780 *broiler* hu sodisfacenti u z-zewg partijiet ikunu wettqu l-obbligu taghhom taht il-ftehim. Li kieku l-ftehim kien li l-attur seta’ jiehu flieles kemm ried, izda s-socjeta` konvenuta tkun obbligata tixtri lura 7,000 biss, hi tkun trid tixtri 7,000 u mhux tqis 6,780 bhala ekwivalenti ghal-ammont ta’ 7,000 fellus. Bir-ragunament ta’ dan ix-xhud, hi ma tkunx tista’ tghid li b’konsenja ta’ 6,780, hi ssodisfat l-obbligu mixhut fuqha bil-ftehim. Kieku z-zewg negozji (bejgh ta’ flieles u xiri ta’ tigieg imsemmna) kienu separati minn xulxin (kif targumenta r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta) l-obbligu taghha ma kienx ikun jista’ jitqies estint jekk mhux wara x-xiri minnha ta’ 7,000 *broiler*. Din ir-rabta li ghamlet ix-xhud, juri li ghal kull bejgh ta’ konsenja flieles, hemm obbligu *da parti* taghha li tixtri lura l-ekwivalenti fi *broilers*, wara li tnaqqas percentagg ghall-mewt.

"Il-fatt li s-socjeta` konvenuta, meta jkollha bzonn il-*broilers*, iccempel hi lill-bidwi biex jikkonsenjawlha lura t-tigieg *“skond l-istruzzjonijiet li ntuh ahna”*, huwa wkoll indikazzjoni li r-relazzjoni ta’ bejn il-bicciera u l-bidwi kienet wahda kuntrattwali b’obbligi reciproci, bin-numru ta’ tigieg li s-socjeta’ tkun obbligata tiehu lura marbut man-numru ta’ flieles ikkonsenjati lill-bidwi.

"Ghalhekk, fil-waqt li l-arrangament originali kien li s-socjeta` konvenuta tforni lill-attur b’7,000 fellus ghat-trobbija, la darba accettat li tghaddi lill-attur 10,000 fellus, trid tiehu lura dak l-istess numru, b’*leeway* ta’ 5% minhabba l-possibilita` ta’ mewt tat-tigieg waqt it-trobbija. Fil-fehma tal-Qorti, il-ftehim bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta’ xiri ta’ flieles *da parti* ta' l-attur, u xiri ta’ tigieg *da parti* tas-socjeta` konvenuta, izda ftehim ta’ mandat li *in forza* tieghu s-socjeta` konvenuta, wara li xtrat il-flieles minghand terzi, inkarigat lill-attur jiehu hsieb it-trobbija ta' l-istess flieles u jirritornhom lis-socjeta` konvenuta meta din titlobhom jew meta jissemmnu. Il-bidwi hu responsabbli ghat-trobbija, *pero*`, dan ix-xoghol, jaghmlu ghan-nom tas-socjeta` konvenuta, li mhux biss ghandha

dritt tinsisti li tiehu lura kull fellus ikkonsenjat, izda wkoll li r-ritorn tat-tigieg imsemmna isir kif u meta tindika hi.

"*Kwindi*, t-talba ta' l-attur ghall-hlas ta’ l-2,000 tigiega li s-socjeta` konvenuta ma haditx hija imsejsa fil-ligi.  Izda peress li kull tigiega kienet tizen 2 kilos, u l-hlas kellu jkun ta’ 49c kull kilo, jigifieri 98c kull tigiega, l-ammont dovut huwa Lm1,960, u mhux Lm2,200 kif jippretendi l-attur.

"Bejn il-partijiet, hemm nuqqas ta’ qbil ukoll dwar bejgh ta’ *chain feeder* mixtri mill-attur minghand is-socjeta` konvenuta.  L-attur jghid li l-prezz miftiehem kien ta’ Lm450, waqt li s-socjeta` konvenuta tallega li l-prezz kien ta’ Lm1,000.  Din il-vertenza hi importanti ghax l-attur sa issa hallas biss Lm200 mill-ammont dovut minnu ghac-*chain feeder*, u l-bilanc ikun irid jitnaqqas mis-somma mitluba mill-attur.  In-negozju dwar il-prezz tac-*chain feeder* sar bejn l-attur u Charles Ciappara, ir-ragel ta’ Catherine Ciappara li wkoll jiehu hsieb it-tmexxija tal-kumpanija konvenuta.  Dan Charles Ciappara ma xehedx f’din il-kawza.  Mehud kont tac-cirkustanzi ta’ kif jirrizultaw lill-Qorti, din il-Qorti hi propensa taccetta t-tezi ta' l-attur, u, ghalhekk, taqbel mieghu li l-bilanc minnu dovut, u li ghandu jitnaqqas mis-somma dovuta lill-attur, hu ta’ Lm250 u mhux aktar minn hekk.

"Ghall-qbija, t-tezi attrici tirrizulta gustifikata, u s-somma lilu dovuta hija ta’ Lm10,390.20 li ghandha tithallas mis-socjeta` konvenuta.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi wara li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta, tilqa’ *in parte* t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ Lm10,390.20[1] (ghaxar t’elef, tlett mija u disghin lira Maltin u ghoxrin centezmu), bl-imghax legali mis-17 ta’ April, 2002, sal-pagament effettiv.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta."

[1] Illum €24,202.65

**L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

2.1 Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata bis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili kif hawn fuq riportata *in toto* u ghalhekk qeghda titlob ir-revoka taghha, bic-cahda tat-talbiet attrici, u bl-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet minnha sollevati, u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

2.2 L-aggravji tas-socjeta` huma dwar it-tlett punti segwenti, jigifieri, dwar

(i) il-kap ta' l-ispejjez;
(ii) l-imghaxijiet; u
(iii) il-meritu tal-vertenza.

**IR-RISPOSTA TA' L-ATTUR GHAR-RIKORS TA' L-APPELL**

3. l-attur appellat wiegeb li s-sentenza moghtija hija wahda gusta u timmerita li tigi kkonfermata minn din il-Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Qabel ma din il-Qorti tiddelibera dwar dana l-appell, jidhrilha li hu opportun li fl-ewwel lok tosserva li din il-vertenza dwar kreditu pretiz mill-parti attrici f'ammont determinat fil-konfront tas-socjeta` konvenuta setghet, bi ftit sforz genwin u rieda tajba, kemm min-naha u kemm minn ohra, tigi tranzatta facilment b'mod li l-partijiet involuti setghu jirrisolvu d-differenzi ta' bejniethom bonarjament. Minflok, il-partijiet ghazlu t-triq tal-konfrontazzjoni b'tali mod allura li d-differenzi ta' bejniethom issarrfu f'litigju prolungat bi spejjez ghalihom.

5. Ikun utli ghall-Qorti li fl-ewwel lok jigi mistharreg l-aggravju fil-meritu ghar-raguni li kemm l-aggravju dwar l-interessi dovuti fuq is-sorte u l-aggravju dwar il-kap ta' l-ispejjez huma, sa certu punt, ancillari ghad-disgwid li ta lok ghall-vertenza in ezami.

6. Mill-provi jirrizulta li l-attur u s-socjeta` konvenuta kienu jinnegozjaw ma' xulxin f'intrapriza kummercjali li kienet

tikkomprendi kemm it-trobbija ta' flieles, kif ukoll il-qtil ta' tigieg ghall-konsum tal-massa. L-attur kien armat b'razzett li fih kien irabbi l-flieles sakemm dawn jilhqu l-istat ta' l-ipprocessar, filwaqt li s-socjeta` konvenuta kienet tiehu ghandha t-tigieg imsemmna ghall-qatla u pprocessar. Bi ftehim in iskritt bejniethom, l-attur kien jakkwista b'xiri numru ta' flieles minghand l-istess socjeta` konvenuta; u din, *'a sua volta'* kellha l-obbligu li 'tixtri' lura t-tigieg imrobbi u msemmen minghand l-attur. Il-ftehim regolatur sar fis-sena 2000, pero` jidher li dan il-ftehim gie mgedded ghas-sena ta' wara tacitament. L-attur kien 'jixtri' flieles minghand il-konvenuta ghall-prezz ta' Lm22 kull mitt (100) fellus. L-ammont ta' flieles li seta' jixtri l-attur m'huwiex specifikat fil-ftehim, izda s-socjeta` konvenuta obbligat ruhha li 'tixtri' lura minghand l-attur sebat elef '*broiler*' (tigiega msemmna) ghall-prezz ta' 49 centezmu kull kilo u dan entro perijodu ta' madwar ghaxar (10) gimghat. Gara li fis-sena 2001, l-attur talab, u fil-fatt inghata, ammont akbar ta' flieles ghat-trobbija - jigifieri 10,000 fellus - f'zewg konsenji ta' 3,000 fellus fl-10 ta' Dicembru 2001, u 7,000 fellus fl-20 ta' Dicembru 2001, rispettivament. Bejn id-data tal-21 ta' Jannar 2002, u s-6 ta' Frar 2002, jirrizulta li l-attur kien biegh lura lill-konvenuta b'total ta' 6,700 '*broiler*'. Tenut kont tal-fatt li percentwal (madwar 5%) tal-flieles kienu jmutu waqt it-trobbija, dan l-ammont kien qrib ta' l-ammont li s-socjeta` konvenuta tghid li kienet obbligata li tixtri lura minghand l-attur. Peress li, kif rajna, fis-sena 2001, l-attur assuma kwantita` akbar ta' flieles, dan kien ifisser ukoll li kien hemm b'madwar 3,000 fellus aktar 'mis-soltu' x'jigu negozjati. L-attur insista li l-konvenuta kellha l-obbligu li tiehu lura din il-konsenja addizzjonali, waqt li din baqghet tirrifjuta milli tixtri lura in eccess ta' 7,000 fellus. Elf (1,000) minn dawn il-flieles addizzjonali gew mibjugha lil terz, waqt li skond l-attur l-elfejn (2,000) l-ohra spiccaw biex mietu. L-attur ikkwantifika d-danni ghal dan it-telf versu l-ammont, fi flus, ta' Lm2,200 (illum €5,124.62). Il-kontestazzjoni ewlenija kienet principalment dwar dan l-ammont pretiz mill-attur.

Wara li l-ewwel Qorti stqarret li kienet "hasbet fit-tul" dwar it-tezijiet ta' naha u ta' ohra, hija ddecidiet li, fid-dawl ta' dak li jemergi minn qari shih tal-ftehim regolatur, in realta`, "il-ftehim kien li l-bidwi ghandu jirritorna lis-socjeta` konvenuta kull fellus li jixtri minghandha."

Fost ir-ragunijiet - validi hafna skond din il-Qorti - li l-ewwel Qorti ssemmi hemm il-kundizzjoni li l-attur kien impedut espressament milli jrabbi tigieg ghal haddiehor, oltre li l-attur kien tenut li, taht penali, jirritorna lill-konvenuta kull fellus mixtri ghat-trobbija minghandha.

7.1 L-aggravju tas-socjeta` konvenuta taht dan l-aspett hu li l-ewwel Qorti skartat klawsola 1 tal-ftehim li hija wahda cara u inekwivoka - obbligu li hija tixtri minghand l-attur sebat elef (7,000) '*broiler*' imsemmna - biex imbaghad rat,
"Kif taghti interpretazzjoni lill-klawsoli periferali tal-ftehim sabiex ixxejjen il-kontenut ta' din il-klawsola."

L-ewwel lanjanza tal-konvenuta hija dik illi "*ex contractu*" hija ma kellhiex l-obbligu li tiehu lura l-2,000 tigiega addizzjonali in kwistjoni.

7.2 Din il-Qorti hija tal-fehma li din il-lanjanza tas-socjeta` konvenuta mhijiex wahda fondata. Il-ftehim - ara Dok CK1, a fol. 14 u 15 tal-process - kellu jigi interpretat fl-assjem tieghu u b'mod allura li kull klawsola tieghu kellha tinghata t-tifsira logika u ragjonevoli taghha u mhux billi klawsola wahda partikolari tiehu prevalenza fuq ohra. M'huwa minnu xejn li l-ewwel Qorti ghazlet li "tiskarta" l-ewwel klawsola a favur "klawsoli periferali" tal-kuntratt - kif issostni s-socjeta` konvenuta. Kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, darba li l-attur kien obbligat li jrabbi biss dawk il-flieles li in segwitu kellhom jghaddu lura ghand is-socjeta` konvenuta ghall-fini ta' ipprocessar, u kien obbligat ukoll li jirritornalha kull fellus hekk imsemmen, u dana taht penali ghal kull fellus li ma jigix hekk mibjugh lura lis-socjeta` konvenuta, allura bilfors kellu jsegwi li l-attur kien marbut li kull fellus li rabba' - anke in eccess ta' sebat (7,000) - kellu jghaddi ghand is-socjeta` konvenuta. Din ta' l-ahhar kienet ghal kollox edotta u konsapevoli bl-ammont ta'

flieles li gew suppliti lill-attur in eccess ta' 7,000 fellus ghax kienet hija stess li fornithomlu ghat-trobbija u kwindi m'ghandhiex lok li tilmenta.

8.1 It-tieni lanjanza fil-meritu min-naha konvenuta kienet din: jekk jigi stabbilit li kien hemm obbligu li s-socjeta` konvenuta tiehu lura t-tigieg, dan kellu wkoll iwassal ghall-obbligu ta' hlas tat-tigieg? Fil-fehma ta' l-appellanti, tali obbligu ta' hlas "ma jistax jissussisti". Minbarra dan, issostni l-konvenuta, lanqas ma saret il-prova li kienu mietu 2,000 tigiega u lanqas biss kien hemm interpellazzjoni f'dan is-sens min-naha attrici. L-attur, fic-cirkostanzi, jew messu allura ddepozita t-tigieg *de quo* u se mai f'kaz ta' fellus li biz-zmien isir "hasi", dan seta' "jinqatel sahansitra wara xahrejn, u mhux bilfors entro s-sitt gimghat" u ghalhekk id-danni reklamati setghu gew evitati.

8.2 Fil-fehma tal-Qorti anke din il-lanjanza hija infondata. Mill-provi akkwiziti ghandu jemergi sufficjentement li fil-fatt kien minnu li kien hemm ghadd ta' flieles maturi ghall-qatla f'numru in eccess ta' 7,000. Anzi jirrizulta li saru tentattivi biex dawn jinbieghu lil terz u, fil-fatt, minn 3,000 tigiega, elf minnhom ittiehdu minn terz, u b'dan il-mod id-danni gew *in parte* arginati. Lanqas ma kien il-kaz li wiehed joqghod jindaga u jispekula x'seta' sar mill-bqija tal-flieles li kieku dawn baqghu jigu mitmugha ghal zmien in eccess ta' sitt (6) gimghat. Il-provi juru li bhala stat ta' fatt, 2000 fellus miet u stante li l-obbligu li tassumihom kien fuq is-socjeta` konvenuta, allura ghandu jsegwi li din ghandha taghmel tajjeb ghall-hlas tad-danni relativi. Li kieku l-flieles baqghu jigu msemmna biex finalment ma jehodhom hadd u jmutu xorta wahda, dan kien ifisser danni akbar. Lanqas ma kien hemm il-htiega ta' depozitu jew interpellazzjoni da parti ta' l-attur. Is-socjeta` konvenuta kienet taf bl-ezistenza u fejn huma dawn il-flieles u kienet fil-liberta` assoluta li tehodhom minghand l-attur, izda s-socjeta` konvenuta wriet bic-car li dan il-pass ma kenitx lesta li taghmlu.

9.1 L-ahhar parti ta' l-aggravju fil-mertu hija relatata mal-prezz tac-"*chain feeder*" fejn l-ewwel Qorti strahet fuq dak

li rreklama l-attur u dan billi accettat il-verzjoni attrici. Skond is-socjeta` konvenuta x-xiehda relativa min-naha attrici kienet wahda kontradittorja u kienet ikkaratterizzata minn "inkosistenza grassa".

9.2 Il-Qorti ezaminat ix-xiehda relativa fid-dawl tas-sottomissjonijiet kemm ta' naha u kemm ta' ohra u jidhrilha li dak li finalment gie deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa gust. Il-partijiet ma qablux dwar kemm kien il-prezz miftiehem dwar dan l-apparat. L-attur jghid li dan kien jiswa biss Lm450, u billi huwa kien hallas gia` Lm200, il-bilanc dovut kien biss ta' Lm250. Is-socjeta` konvenuta tghid li dan l-apparat sewa Lm1,000 u ghalhekk l-ammont li kien ghadu dovut u li allura kellu jitnaqqas mill-ammont mitlub mill-attur kellu jkun dak ta' Lm800.

9.3 Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm xi gustifikazzjoni li ghandha tinduciha li tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti, tenut kont tal-fatt (li gie rilevat ukoll mill-ewwel Qorti) li Charles Ciappara li mieghu sar il-ftehim lanqas biss hass in-necessita` li jixhed biex jikkontradici dak li xehed in propozitu l-attur. Dan l-aggravju ghalhekk qieghed jigi respint. Ghalhekk l-aggravju fil-meritu jirrizulta li huwa infondat u qieghed jigi respint.

10. L-ewwel aggravju tas-socjeta` konvenuta huwa dwar il-kap ta' l-ispejjez li skond is-sentenza kellu jithallas unikament minnha avvolja l-ammont tas-sorte kien wiehed inferjuri minn dak originarjament mitlub.

Ovvjament - hekk ara t-talba fl-att tac-citazzjoni - l-attur talab minghand is-socjeta` konvenuta l-ammont ta' Lm12,170.20c. B'nota ta' riduzzjoni li gietipprezentata fit-18 ta' Ottubru 2002, (ara nota a fol. 41 tal-process) it-talba giet ridotta ghal Lm10,630.20c. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti effettwat riduzzjoni ulterjuri b'mod li s-sorte, minn kif mitluba originarjament, gew ridotti ghal Lm10,392.00c. Dan ifisser li kien hemm certu ammont ta' raguni li gieghel lis-socjeta` konvenuta biex tikkontesta t-talba attrici kif originarjament dedotta kontriha. Fil-fatt, anke fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha, is-socjeta` konvenuta ma nnegatx li kien hemm tassew kreditu

veljanti favur l-attur. Ghamel sew l-attur li rriduca t-talba tieghu meta nduna li mhux l-ammont kollu li huwa talab kien tassew dovut interament, pero`, lanqas ma jirrizulta li din ir-riduzzjoni kienet ghal kollox tattalja ma' l-ammont finalment likwidat mill-ewwel Qorti. Fic-cirkostanzi ghalhekk, din il-Qorti thoss li dana l-aggravju huwa fondat fis-sens li messu gie rifless fl-ispartizzjoni tal-kap ta' l-ispejjez, imqar jekk b'mod marginali.

11.1 It-tieni u l-ahhar aggravju huwa dwar l-imghaxijiet li dwarhom l-ewwel Qorti ddecidiet billi kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallashom fuq is-somma ta' Lm10,390.20c mis-17 ta' April 2002, jigifieri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

Is-socjeta` konvenuta tissottometti li, darba illi jirrizulta li hija offriet mhux biss li thallas lill-kontroparti s-somma ta' Lm7,880.20 imma meta din ta' l-ahhar irrifjutat tali pagament hija ghaddiet biex tiddepozita l-istess ammont biex jigi liberament zbankat mill-attur, l-ewwel Qorti ma messhiex ikkundannatha thallas interessi fuq l-ammont intier ghax dan ikun ifisser li "hija ser tkun punita darbtejn jekk ser tigi mitluba thallas l-imghaxijiet fuq din is-somma ghal darb'ohra".

Min-naha tieghu, l-attur jikkontendi li ibda biex bejn l-ammont kif in segwitu gie ridott mill-attur (Lm10,630.20c) u l-ammont offrut mis-socjeta` konvenuta (Lm7,880.20c) hemm differenza sostanzjali. Minbarra dan, l-attur, *qua* kreditur, ma setax jigi mgieghel li jaccetta ammont li jkun anqas minn dak dovut - u jiccita f'dan is-sens l-Art. 1156 tal-Kap. 16.

11.2 Din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju ma jimmeritax li jigi milqugh. L-attur ma setax jigi kostrett li jaccetta biss ammont parzjali. Huwa minnu li fic-cedola - esebita <u>biss</u> fl-istadju ta' l-appell - hemm il-fakolta` ta' zbank liberu imma fl-istess cedola - ara t-tieni paragrafu - hemm *inter alia* mnizzel li,
"l-ammont li jista' ikun dovut lil John Fenech qatt ma jista' jeccedi s-somma ta' Lm7,880.20c."

Issa li kieku l-ammont tas-sorte finalment likwidat kien vicin l-ammont li gie hekk iddepozitat allura din il-Qorti kienet tkun propensa li tikkunsidra favorevolment l-aggravju ta' l-appellanti, imma dan manifestament m'huwiex il-kaz. Apparti l-fatt li, mill-ammont depozitat, ittiehed minnu l-ammont ta' Lm121 b'mod li dan kompla rriduca ruhu ghal Lm7,759.20c. Mhux hekk biss imma anke fl-ittra legali in data tal-4 ta' Marzu 2002 (Dok CK3, fol. 17) mibghuta mil-legali tas-socjeta` konvenuta hemm imnizzel, b'referenza ghall-ammonti msemmijin fl-istess ittra, illi (ara l-ewwel paragrafu tat-tieni pagna, a fol. 18 tal-process) li,
"Dawn huma l-unici ammonti li l-klijenti tieghu huma obbligati jhallsu lil tieghek."

Quddiem dikjarazzjoni bhal din, hadd ma ghandu jlum lill-attur li ma jaccettax l-hlas f'ammont ferm inferjuri minn dak li kien u li rrizulta finalment dovut lilu. Isegwi ghalhekk li dan l-aggravju huwa infondat u qieghed jigi respint.

12. In rikapitalazzjoni ghalhekk ifisser li l-aggravi kollha huma infondati ad eccezzjoni ta' dak relativ ghall-kap ta' l-ispejjez. Din il-Qorti jidhrilha li jkun ferm aktar gust li l-kap ta' l-ispejjez kwantu ghaz-zewg istanzi ghandu jigi sopportat hekk: hamsa minn kull sitt parti (5/6) mis-socjeta` konvenuta appellanti u r-rimanenti sesta parti (1/6) mill-attur appellat, u f'dan is-sens ukoll ghalhekk ghandha tigi riformata s-sentenza appellata.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tilqa' in parte l-appell tas-socjeta` konvenuta limitatament ghall-aggravju dwar il-kap ta' l-ispejjez u ghalhekk qeghda tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in toto ghal dak li jirrigwarda l-mertu u l-hlas ta' imghaxijiet, qeghda tirriforma l-ispartizzjoni rigwardanti l-hlas tal-kap ta' l-ispejjez, kwantu ghaz-zewg istanzi, billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas hamsa minn kull sitt parti (5/6), bir-rimanenti sest (1/6) ikun a karigu ta' l-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------